VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,569, 6 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 146 tal-2016**

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)

## Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-Settur tal-Pulizija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 54(m) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, għamlet ir-regolamenti li ġejjin.

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-Settur tal-Pulizija), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-Settur tal-Pulizija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 440.05

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "Att", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"korp li jeżerċita poteri ta' pulizija" tfisser il-pulizija, awtorità doganali jew awtorità oħra li hi awtorizzata mil-liġi nazzjonali li tiskopri, tipprevjeni u tinvestiga reati jew attivatijiet kriminali u li teżerċita awtorità u tieħu miżuri obbligatorji fil-kuntest ta' tali attivitajiet, u teskludi awtorijitajiet, korpi, aġenziji jew unitajiet li jittrattaw speċjalment kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija 'Europol' u l-'Eurojust' għandhom jitqiesu bhala korpi li jeżerċitaw poteri ta' pulizija;".

Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fis-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "taħt xi liġi," għandhom jidħlu l-kliem "taħt xi liġi, xi liġi tal-Unjoni Ewropea,".

Jissostitwixxi r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"10. (1) Talbiet għal trasferiment ta' *data* personali jridu jsiru bil-miktub lill-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija u

VERŻJONI ELETTRONIKA



għandhom jinkludu indikazzjoni tal-persuna jew tal-korp li qed jagħmel it-talba u r-raġuni għal dik it-talba u l-għan li għalih it-talba qed issir, sakemm xi liġi oħra jew ftehim internazzjonali li għalih Malta hija parti, ma jipprovdix mod ieħor.

(2) Il-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija għandu jirrispondi bil-miktub lil parti li qed tagħmel it-talba bid-deċiżjoni meħuda dwar jekk it-talba tistax tiġi milqugħa jew le.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija jista', mingħajr il-ħtieġa ta' talba minn qabel, jikkomunika bil-miktub lill-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija fl-Unjoni Ewropea, *data* personali fejn ikun hemm raġunijiet fattwali sabiex wieħed jemmen li d-*data* tista' tgħin fl-iskoperta, fil-prevenzjoni jew fl-investigazzjoni ta' kwalunkwe reati kriminali serji.

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) għandhom japplikaw ukoll għall-komunikazzjoni ta' *data* personali ma' korpi oħra stabbiliti taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea, sakemm l-iskambju ta' informazzjoni jirreferi għal reati kriminali fl-ambitu tal-mandat tagħhom.

(5) Il-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija għandu jżomm rekord tad-*data* personali kollha trasferita u jindika dan li ġej:

(a) id-dettalji tal-korp li għamel it-talba;

(b) il-għan u r-raġuni għal dik it-talba;

(ċ) id-data tat-trasferiment tad-*data*.

(6) *Data* personali trasferita minn korpi li jeżerċitaw poteri ta' pulizija lil Dipartmenti oħra tal-Gvern jew korpi mwaqqfa bil-liġi, jew lil partijiet privati oħra, jew lil awtoritajiet barranin, m'għandhiex tintuża għal għanijiet oħra ħlief għal dawk speċifikati fit-talba għat-trasferiment tad-*data* jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-korp li trasferixxa id-*data*.

(7) Meta jkun meħtieġ li d-*data* msemmija fis-subregolament (6) tintuża għal għanijiet oħra minn dawk mitluba, ir-riċevitur għandu jagħmel talba ġdida lill-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija skont is-subregolament (1), u dik id-*data* ma tistax tintuża mir-riċevitur għal għanijiet oħra ħlief dawk imniżżla fit-talba oriġinali sakemm ma jkunx hemm qbil bil-miktub dwar it-talba l-ġdida.".